KUNSILL REĠJONALI LVANT

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 40

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 40

It-Tnejn 27 ta' Jannar, 2025

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sa Maryanne Abela – Kunsilliera Swieqi
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

ASSENTI

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

40.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand il-Kunsilliera ta' tas-Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, u mis-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sabiex jinfurmawna li ma setgħux jattendu din il-laqgħa.

40.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri.

## 40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

40.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 39 li nżammet nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024 kienu meħuda bħala moqrija.

40.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mis-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo.

## 40.3 *Komunikazzjoni mill-President*

- ***Aġġornment dwar il-Kuntratt ta' l-iskart***

40.3.1 Il-President informa lill-membri kif nhar dan ir-Reġjun kien irċieva komunikazzjoni mingħand id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, dwar il-multi li qed jinħarġu mill-Kunsilli Reġjonali dwar il-kuntratt ta' l-iskart.

40.3.2 Hu qal kif din il-komunikazzjoni ġiet mgħoddija immedjatament lill-avukat tar-Reġjun sabiex jingħata direzzjoni u kien hemm qbil sabiex tinżamm laqgħa b'mod immedjat mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

40.3.3 Is-Sur Chircop spjega kif din il-laqgħa inżammet nhar it-Tlieta 17 ta' Diċembru 2024 fejn hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, il-Maniġer ta' l-Iskart, u l-avukat tar-Reġjun, iltaqà u spjega mod ċar kif inħarġu l-multi minn dan ir-Reġjun.

40.3.4 Is-Sur Chircop kompla jgħid kif għalkemm id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti qabel ma kif ir-Reġjun ipproċeda, hu spjega li r-Reġjun xorta waħda kellu jġib l-approvazzjoni mingħand id-Dipartiment. Kien hemm qbil ta' kif ir-Reġjun jistà jipproċedi pero kellu jingħata direzzjoni ċara wara laqgħa li kellha tinżamm ftit ġranet wara fid-Dipartiment stess.

40.3.5 Is-Sur Chircop qal kif għalkemm l-avukat għamel diversi attenti biex jistaqsi lid-Direttur Ġenerali jekk kienx hemm deċiżjoni, s'issa ma kien hemm l-ebda direzzjoni ċara. Għal din ir-raġuni l-avukat infurmana li l-multa li qedha tiġi mnaqqsa f'kull pagament dovut lill-kuntrattur taż-żibel.

40.3.6 Is-Sindku tal-Għargħur spjegat kif is-sitwazzjoni ma tranġatx minn mindu beda jopero u kif sal-ġurnata tal-llum il-Kunsill tagħha għad mgħandu l-ebda aċċess għal kameras u kif saħansitra fl-aħħar sibt il-ġabra bdiet kmieni ħafna b'ħafna boroż tħallew warajhom.

40.3.7 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, spjega kif is-sitwazzjoni f'tas-Sliema baqgħet l-istess speċjalment bil-ġabra dejjem tibda qabel il-ħin miftihem.

40.3.8 Is-Sur Chircop informa wkoll li matul dan l-aħħar ġranet indunajna li kien hemm anke nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-Waste Manager tar-Reġjun u b'mod partikolari wieħed mill-kuntatturi u kif din mhux ser tkun aċċettabli.

40.3.9 Is-Sur Pillow qal li l-Kuntratt huwa mal-Kunsilli wkoll u jekk hemm bżonn għandhu jkun hemm anke konferenza stampa dwar din is-sitwazzjoni.

40.3.10 Is-Sur Chircop qal li r-Reġjun għandu każ b'saħħtu u għandna nkomplu mixjin mad-direzzjoni mgħotija.

40.3.11 Wara diskussjoni fit-tul dwar dan, is-Sur Chircop spjega li ser ikun qed jitkellem mad-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni għal Gvern Lokali biex naraw kif ir-Reġjun ser jipproċedi.

- *Tnedija uffiċjali tal-proġett 'VR Tours'*

40.3.12 B'referenza għal din it-tnedija li nżammet nhar il-Ġimgħa 17 ta' Jannar 2025 ġewwa Blackley's, il-Pietà, il-President spjega kif l-attendenza kienet waħda numeruża u sabieħa u għaldaqstant irringtazzja lil dawk kollha li kienu preżenti.

- *Aġġornament fuq il-Konferenza SEDEC (Kummissjoni Għall-Politika Soċjali, Edukazzjoni, Impjiegi, Riċerka u Kultura)*

40.3.13 Il-President spjega hekk kif kien diġa diskuss f'laqgħat preċedenti dwar din il-konfernza u kien informa lill-membri kif hu kien

## 40.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

40.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa ma kien irċieva l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 40.5 Rapporti

40.5.1 Il-President ressaq fuq il-mejda r-rapporti tal-Managers li kienu ntbagħtu diġa għall-attenzjoni tal-membri preżenti u staqsa jekk kienx hemm xi kummenti li xtaqu li jiġu mressqa.

40.5.2 Il-membri preżenti ma kellhom l-ebda kummenti x'jiġu mressqa dwar dawn u ġew approvati.

40.5.3 Il-President ressaq fuq il-mejda kopja tal-*Financial Statements* sa tmiem is-sena 2024 kif ukoll il-*Business Plan*, liema dokument kien ġie sottomess permess ta' emejl lill-membri qabel din il-laqgħa u talab lill-accountant, is-Sa Romina Perici Ferrante, sabiex tagħti spjegazzjoni dettaljata dwar dan.

40.5.4 Is-Sindku ta' Pembroke, staqsa jekk l-allokazzjoni tar-Reġjun kienitx ser tiżdied peress li minn din is-sena l-kontijiet relatati mas-servizz tal-ġbir ta' l-iskart ser ikun qed jitħallas mir-Reġjun u ma jiġi rimborżat mill-Kunsilli Lokali fi ħdanu.

40.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2025 kienet l-istess daqs is-sena preċedenti pero id-Diviżjoni għal Gvern Lokali ser tkun qed tgħaddi pagamenti sabiex ir-Reġjun ikun jistà jħallas il-pagament relatati mal-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart.

40.5.6 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, staqsa jekk ir-Reġjun għandux fondi allokati sabiex jekk ir-Reġjun jiġi avviċinat minn Kunsill Lokali bi proposta, dan ikun jistà jgħin finanzjarjament.

40.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li r-Reġjun m'għadux kif kien fil-bidu fejn il-fondi tiegħu kienu jidħlu mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet u allura s-*surplus* kien jinqasam. Skond l-aħħar riforma li kienet saret fl-2019, ir-Reġjuni għandhom allokazzjoni finanzjarja u funzjonijiet li jinsabu fl-Att tal-Kunsilli Lokali 363.

40.6.8 Peress li ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa, il-President talab għall-approvazzjoni uffiċċjali.

40.6.9 Wara li r-rapporti ġew spjegajti b'mod dettaljat, il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport b'mod unanimu.

40.6.10 *17:47pm – Il-Viċi President u Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

40.6.11 Il-President spjega li ma kienx hemm għalfejn nidħlu f'diskussjoni fit-tul dwar il-finanzi tar-Reġjun u ippropona sabiex il-kumitat tal-finanzi jiltaqà fil-ġranet li ġejjin sabiex dawn jiġu diskussa.

40.6.12 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, staqsa fejn kienu qed jidru l-ispejjeż relatati mal-avvenimenti li nżammu fis-sena preċedenti relatati mat-titlu, Reġjun tal-Kultura 2024.

40.6.13 Is-Sa Romina Perici Ferrante spjegat fejn dawn l-ispejjeż kienu qed jidru fir-rapport u s-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid ukoll li r-Reġjun kien qed jistenna li jitlob għall-aħħar pagament ta' rifużjoni peress li l-pagamenti li saru lejn l-aħħar tas-sena qedin inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li ser tkun qed titressaq f'din il-laqgħa.

40.6.14 Is-Sur Pillow staqsa kemm ġiet tiswa l-ispiża totali marbuta ma' dawn l-avveniment.

40.6.15 Is-Sa Perici Ferrante infurmat li r-Reġjun ġiet tiswieh madwar €305,000.

## 40.6 *Performance Appraisals* tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-Impjegati għas-sena 2024

- *Performance Report tas-Segretarju Eżekuttiv*

40.6.1 Il-President ressaq fuq il-mejda ir-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv fejn hu kien qed jirrakomanda 10% tal-bonus.

40.6.2 Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport b'mod unanimu u irringrazzjawha tax-xogħol tagħha.

- *Performance Report ta' l-Impjegati klerikali*

40.6.3 Il-President ressaq fuq il-mejda ir-rapporti ta kull impjegat (Lydia Zammit, Antonella Mifsud, Isabel Cini, Albert Gatt, Craig Bonnici, Kathleen Cardona, Jana Schembri, Theresa Cassar, Marthese Grech u Noelene

Barbara) li kienu ppreparati mis-Segretarju Eżekuttiv fejn kien qed jiġi rrakomandat li dawn kollha jieħu 6% tal-bonus.

40.6.4 Il-membri preżenti approvaw dawn ir-rapporti.

40.6.5 Il-President żied jgħid kif dan l-uffiċċju huwa infurmat li għadu kemm ġie iffirmat l-kuntratt il-ġdid tal-ħaddiema u dawn ser jigu ikkunsidrati wara li ir-Reġjun jirċievi komunikazzjoni uffiċjali mid-Diviżjoni għal Gvern lokali.

40.6.6 Is-Sur Pillow staqsa jekk ir-Reġjun ħax ħsieb jalloka ammont ħabba dan il-pagament sostanzjali li jrid jinħareġ.

40.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif meta kien qed jiġi ppreparat il-Baġit għas-sena 2025, hi kienet talbet lill-accountant sabiex dan l-ammont jiġi nkluż bħala spiża li r-Reġjun ser ikun qed joħroġ matul din is-sena.

## 40.7 Postijiet Vakanti – Uffiċjal Eżekuttivi Skala 13, FT, EU/Local Funds Manager

40.7.1 B'referenza għal dawn iż-żewġ pożiżżjonijiet, il-President informa kif fil-ġranet li ġejjin ser jinħarġu sejħiet estern peress li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni sottomessa sad-data ta' l-għeluq.

## 40.8 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *Aġġornament fuq il-proġett WATERISE*

40.7.1 Il-President semma kif il-proċess ta' sottomissjoni tal-proposti sħaħ ta' WATERISE (KRL partner) huma miftuħin. Ir-rispons minn sessjoni bilaterali mal-kuntatti tal-programm Interreg Euro Med enfasizza l-potenzjal qawwi tal-proġett, b'rakkomandazzjoni biex jiġi enfasizzat il-valur miżjud ta' kull intervent territorjali strateġiku fuq livell transnazzjonali.

40.7.2 Is-Sur Chircop spjega kif qed jiġi ffinalizzat il-pjan ta' ħidma u l-allokazzjoni tal-fondi flimkien mal-koordinaturi tal-proġett u aġġornament jingħata fil-laqgħat li jmiss.

40.7.3 Is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, staqsa jekk hemmx xi obbligu minn naħa tal-Kunsilli Lokali.

40.7.4 Is-Sur Chircop spjega kif għalissa ġew imsemmija l-lokalitajiet bħala eżempji u qed jifhem li mhux ser ikun hemm oġġezzjoni mill-Kunsilli rispettivi. Żied jgħid li l-għan ta' da il-proġett huwa immirat iktar lejn dawk il-lokalitajiet li iħossu l-pressjoni li ġġib it-turiżmu.

40.7.5 Dott. Zammit staqsa wkoll jekk dan l-apparat jgħamilx ħafna storbju.

40.7.6 Is-Sur Chircop spjega kif fil-laqgħa li nżammet aktar kmieni dakinhar, dan il-punt ġie imqajjem sabiex wieħed jara eżatt fejn ikun aktar addattat li dan jitpoġġa. F'din il-laqgħa hu spjega kif hu issuġġerixxa sabiex jaraw studju li kien sar mill-Waterservices Corportation biex jekk hemm bżonn anke jkunu nvoluti f'dan il-proġett.

- *Tournament Reġjonali tal-Futbol*

40.7.7 B'referenza għal dan it-tournament, il-President spjega kif dan kien issemma u ġie approvat fis-sena preċedenti, pero' minħabba problemi personali mill-organizzatur, it-tournament kellu jiġi pospost. Id-data ġiet stabbilita għas-26 ta' April. It-tournament se jinvolvi n-nurseries kollha fir-reġjun minn U5 - U13s. Is-Sur James Hambeger ser jagħmel kuntatt ma' kull kunsill fil-ġranet li ġejjin biex jorganizza laqgħa bejn il-LCs kollha (inkluż dawk li m'għandhomx nurseries, peress li xorta nixtiequ ninvolvuhom), u mas-Sur James Fenech.

40.7.8 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, talab lir-Reġjun jerġa jikkunsidra li jerġa jinżamm it-tournament tal-futsal li kien inżamm ġewwa l-padiljun tal-Gżira.

40.7.9 Il-President spjega kif jekk hemm xi interess bħal dan, wieħed għandu javviċinaw lir-Reġjun biex naraw jekk din il-proposta għandhiex tiġi ikkunsidrata.

40.7.10 Is-Sindku ta' tas-Sliema ippropona sabiex il-klabbs tal-futbol jiġu avviċinaw f'laqgħa flimkien mal-Kunsill rispettiv fejn għal din il-laqgħa jkun hemm rappreżentant mill-Kunsill. Dan jistà jkun is-Sindku jew il-Kunsillier responsabbli mill-isport.

40.7.11 Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

- *Proposta*

40.7.12 Il-President informa lill-membri kif bħala Reġjun ġie avviċinat sabiex isiru programm fuq it-TVM dwar in-niċċeċ li jinstabu fil-lokalitajiet tar-Reġjun. Diġa ġie avviċinat Reġjun ieħor u bdew il-preparamenti pero din ghadha ser titpogga l-proposta ghand TVM u nkunu nafu jekk tiġix aċċettata f'April li ġej.

40.7.13 Il-membri preżenti approvaw din il-proposta.

- *Kwotazzjonijiet*

40.7.14 Kwotazzjoni għal backdrop bl-irtruttura biex tintuża għat-tnedija tal-VR tours – l-orħos mingħand Event Studios ta €4,531.20

40.7.15 Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

## 40.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

40.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

40.9.2 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mis-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 37A u 37B.

40.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 40.10 Mozzjonijiet

40.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 40.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

40.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 13 ta' Frar 2025, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 13 ta' Frar, 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |